**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha 4 ta’ Marzu 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Anthony Balzan**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Anthony Balzan** ta’ 63 sena iben Francis u Nary [sic] nee’ Chetcuti, mwieled Sliema, fit-12 ta’ Novembru 1955, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 764255M, residenti f’ ‘St Micheal’, Triq il Wied, Qormi.

Akkuzat talli bejn il-lejl tat-23 ta’ Awissu 2018 u 24 ta’ Awissu 2018 ġewwa l-fond 144, Jose Lian, Triq Bellic, u/jew f’dawn il-Gżejjer:

1. Irrenda ruhu komplici fir-reat ta' serq, billi xjentement ghen jew assista, lil awtur jew lil awturi tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt jew delitti, jkunu gew ippreparati jew ikkunsmati jew billi ta armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt, meta kien jaf li kellhom hekk jigu wzati, u dan ai termini tal-artikolu 42(d) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f' dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b' reati, jew, xjentement, b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza illi inghatat nhar 26 ta' Marzu 2015, ta' 18-il xahar prigunerija sospizi ghal-erba snin liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tinbidel.

4. U finalment akkuzat ukoll talli sar recediv ai termini ta'l- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti hija mitluba illi f'kaz ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali[1] sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommerja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat u deciz.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

---

[1] Ara fol. 27 tal-process.

**Il-Fatti**

Jirrizulta mill-provi migbura, li dawn il-proceduri huma konsegwenza ta' investigazzjoni kbira fuq diversi reati u li, konsegwenza taghha gew imressqa l-Qorti diversi persuni mixlija b'reati differenti, inkluz dawk kontra l-imputat odjern. Pero, ovvjament din il-Qorti trid tissofferma ruhha fuq il-fatti koncernanti l-imputazzjonijiet odjerni biss, u l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-24 ta' Awwissu 2019, Pierre Sammut ghamel rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi, li fil-gurnata ta' qabel u matul il-lejl sa fil-ghodu kien mizmum kontra l-volonta tieghu minn Renald Baldacchino gewwa l-garaxx numru 55 fi Triq il-Mejjila, Hal-Qormi. Go dan il-garage kien hemm diversi rgiel residenti fih, fosthom l-imputat.

2. Sammut allega li matul il-lejl, waqt li hu kien qieghed jigi hekk detenut, kellu bzonn jiehu l-insulina, u Baldacchino baghat tlett min-nies, li gew identifikati bhala l-imputat, Tristan Falzon u Ivan Galea, marru gewwa r-residenza tieghu, 144, Jose Lian, Triq Bellic, Hal-Qormi, sabiex igibu l-insulina li kellu bzonn.

3. Huma marru f'din ir-residenza f'vettura tal-ghamla Jaguar ta' Baldacchino, li kienet misjuqa mill-imputat, ghaliex Baldacchino kien jafda biss lill-imputat biex isuq din il-vettura.

4. Sammut allega li meta marru fir-residenza tieghu, apparti li hadu l-insulina, dawn it-tlett irgiel serqulu diversi frames u vazuni, li tqieghdu gol-vettura, u saqu lura lejn il-garaxx imsemmi.

5. Waqt tfixxija li saret mill-Pulizija fil-garaxx in kwistjoni dak in-nhar stess, instabu diversi oggetti li jaqblu mad-deskrizzjoni li kien tahom Pierre Sammut. Dawn l-oggett kienu fuq sufan gewwa l-garaxx. Il-valur ta' dawn l-oggetti huwa ta' circa €1500.

6. Waqt l-interrogatorju, l-imputat ammetta li kien hu li saq il-vettura Jaguar mill-garaxx ta' Baldacchino ghal hdejn ir-residenza ta' Sammut u lura, pero allega li hu baqa' fil-karozza, u z-zewg irgiel l-ohra, Falzon u Galea dahlu fir-residenza ta' Sammut biex

igibu l-insulina. Hu qal li ma kellu l-ebda involviment f'din is-serqa, kif ukoll li ma kienx jaf x'kienu qed jghabbu Falzon u Galea gol-bagoll tal-vettura.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Qabel din il-Qorti tikkunsidra l-mertu tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, trid bil-fors tikkunsidra zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha:

*L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari – Ic-Citazzjoni ma tindikax il-lok fejn sehh l-allegat reat*

Id-difiza tirrileva li fic-citazzjoni jinghad illi r-reat allegatament sehh *"gewwa l-fond 144, Jose Lian, Triq Bellic u/jew f'dawn il-Gzejjer".*[2] Dan huwa certament minnu. Ic-citazzjoni ma tindikax il-belt jew rahal fejn allegatament sehh dan ir-reat. L-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:
*"Ic-citazzjoni ghandi ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet taz-zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."*

Id-difiza issottomettiet li l-kliem *"Triq Bellic u/jew f'dawn il-Gzejjer"* zgur ma jindikax il-lok fejn sehh l-allegat reat, u ghalhekk talbet lil din il-Qorti tiehu dan in-nuqqas da parti tal-istess prosekuzzjoni in konsiderazzjoni.

Rigward id-difett fic-citazzjoni u l-effett tieghu, il-Qorti sejra tikkwota partijiet sostanzjali mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[3] tat-18 ta' Marzu 1955 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri**[4], li kienet titratta talba ghal korrezzjoni fid-data tal-incident indikata fic-citazzjoni. Dan ghaliex l-insenjament taghha gie segwit mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi sussegwenti. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

---

[2] Ara fol. 1-2, u fol-5-6 tal-process.
[3] *Per* Imhallef William Harding
[4] Vol. XXXIX-IV-986

*"Issa ic-citazzjoni fil-gudizzji sommarji, kif jirrizulta mill-gurisprudenza lokali in propozitu, giet introdotta fis-sistema kriminali patriju mis-sistema kriminali ingliz (ara deciz. Preliminari "Pulizija vs. Bartoli", App. Krim. 8.1.1938, deciz definittivament fl-4 ta' Gunju 1938); u ghalhekk il-Qrati ta' Malta segwew il-principji tad-Dritt Ingliz dwar din il-materja, senjatament il-principju bazilari, hekk espress, aktar minn sebghin sena ilu, fil-kawza "Terreni vs. Gabaretta", 17 ta' Gunju 1880, Appell Kriminali, sedenti l-President Sir Antonio Micallef:- "Che e di regola, anche nella Corte dei Magistrati della Polizia Giudiziaria come Corte di Criminale Giudicatura, che non e indispensabilemente necessario attenersi strettamente e precisamente ai termini della originaria citazione, quando anche il procedimento fosse per parte della Polizia, e che la Corte possa benissimo decidere in ogni caso pel diritto risultato dalle prove e dietro alla stessa avanzata citazione; beninteso che si debba accordare, qualora si domandi, o quando la Corte stessa lo crede necessario, un breve termine per poter il citato difendersi su di un tale risultato diritto";*

*Dan il-principju ma gie bl-ebda mod alterat meta saret l-emenda fil-ligi dwar dak li ghandu jkun fiha c-citazzjoni (emendi tal-Ordinanza IX tal-1911 ghal dak li llum hu l-art. 372(2) Kap 12 Ediz. Riv.[5]). Tant illi fis-sistema ingliza, fejn ic-citazzjoni ghandu jkun fiha l-istess partikularitajiet kif hemm fil-Ligi Maltija (ara Stone's "Justices' Manual", Vol. II, para 77, pag. 2604-2605, Edizzjoni tal-1954), l-istess jinghad li ma hemm ebda nullita minhabba difett fic-citazzjoni, izda biss dritt ghal differiment fuq talba tal-imputat, jekk bl-izball dan seta' kien "misled" (idem, Vol. I, p. 111-112). L-istess haga qalet din il-Qorti fil-kawza "Polizia vs Ashby", 12 ta' Awissu 1917, b'dawn il-kliem "Le indicazioni ordinate coll'art. 360 delle Leggi Criminali, riferentisi alla citazione, non sono essenziali. La citazione e l'ordine della Polizia Esecutiva all'imputato di comparire in giudizio; essa non e che un modo di presentazione del giudicabile all'autorita giudiziaria, quando non sia indispensabile l'arresto. Tale e lo scopo ed il carattere essenziale della citazione, punto modificato dalla innovazione legislative nella indicazione delle particolarita della incriminazione nell'atto di citazione. Quella indicazione ha solo per oggetto di rendere l'imputato consapevole sin dal momento iniziale del procedimento penale di cioe che egli viene chiamato in giudizio a rispondere, per potersi preparare alla difesa. La citazione non si puo equiparare all'atto di accusa. Quindi le ommissioni di dette particolarita nella citazione non ne producono la*

[5] Illum l-Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*nullita, potendo una tale ommissone od altro simile vizio intitolare solamente l'imputato, al bisogno, un rinvio per meglio prepararsi alla difesa."*

*L-istess gie ritenut f'dawn il-kawzi, fost ohrajn, App. Krim. "Pul. vs. Debono" 12 ta' Jannar 1918, "Carabott vs. Galea" 12 ta' Awissu 1918, "Pul vs. Carmelo Mariani" 12.6.1942. Ara wkoll decizjoni recenti ta' din i-Qorti kollegjalment komposta, "Regina vs. Cutajar, 13.12.1954;*

*… …*

*Lanqas hu l-kaz li jinghad li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien "deceived" jew "misled", jew b'xi mod pregudikat, ghax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fic-citazzjoni ma setghux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruhu. Infatti, il-bazi tal-inkriminazzjoni kienet jekk kellux jew ma kellux fil-pussess tieghu 214 il-par kalzetti tan-nylon bla dazju, u kambjament tad-data ma setghax jizvijah. Fil-prim'istanza, fejn il-korrezzjoni tac-citazzjoni tista' ssir, il-pregudizzju, ghall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma ghandux jigi maghmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruhu minn zball tal-Prosekuzzjoni, imma filli genwinament, minhabba dak l-izball, hu jkun gie b'xi mod imfixkel fil-mezzi tad-difiza;*

*Lanqas ghandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjah "variance" ghax appuntu "variance" hi deskritta fil-gurisprudenza Ingliza bhala "some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence (ara Martin vs. Pridgeon, 1859, 23 J.P. 630. … …"*

L-istess insenjament baqa' jigi segwit fiz-zminijiet recenti. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Glenn Debattista**, deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] irriteniet hekk:

*"Kif spiss gie ritenut minn din il-Qorti – u kif inhi, del resto, prassi inveterata – ir-rekwizit ta' "il-fatti tal-akkuza", imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, ikun sodisfatt jekk il-prosekuzzjoni tuza il-kliem testwali tad-disposizzjoni tal-ligi li tohloq ir-reat li jkun qed jigi*

[6] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

*ipotizzat bl-imputazzjoni. Huwa veru li l-prosekuzzjoni setghet, ghal aktar kjarezza, tghid fl-imputazzjoni li l-att awtentiku u pubbliku in dizamina kien licenzja ta' vettura (il-kelma "licenzja" tissemma biss fit-tieni imputazzjoni); pero` tali karenza ma ggibx in-"nullita`" tal-akkuza – sia jekk tal-akkuza (jew, ahjar, imputazzjoni) per se u sia jekk tac-citazzjoni. Kif ukoll gie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX tal-1911, ic-citazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux il-bazi tal-imputazzjoni; l-imputazzjoni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal proceduri ex officio bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-kaz tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jigi konfermat bil-gurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l-provi tieghu fl-istess gurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tinghata wkoll f'dik il-gurnata (Art. 377(1)). Ghalhekk, jekk "il-fatti tal-akkuza" ikunu gew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik li hija ligi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha – u allura l-imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu. Mid-diversi verbali registrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-icken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda principali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l-fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront tieghu. Ghalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jinghad li l-appellant gie pregudikat fid-difiza tieghu."* (ara fl-istess sens is-sentenzi **Il-Pulizija vs Emmanuel Buttigieg** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 u **Il-Pulizija vs Leone Agius** deciza fit-23 ta' Gunju, decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri))

Fi kwistjoni analoga ghal dik odjerna, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] fis-sentenza taghha **Pulizija vs Leone Agius** deciza fit-23 ta' Gunju 2005:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Martin Brincat**" [30.4.2003] fejn gie konsidrat aggravju simili u fejn ma gietx indikata bi precizjoni it-triq fejn gara l-kaz,*

[7] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l-importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni ikun bizzejjed biex l-appellant ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat. F' dik il-kawza l-aggravju kien gie respint ghaliex – bhal f' dan il-kaz - non si trattava ta' xi belt jew rahal b' xi ramifikazzjoni kapillari tat-toroq, pjazez jew sqaqien li setghu talvolta joholqu xi dubju dwar fejn seta gara l-incident li kien qed jigi akkuzat bih l-appellant. Kien intqal ukoll f' dik is-sentenza li konsidrat il-fatt li - bhal f' dan il-kaz - l-appellant kien gie imwaqqaf minn ufficjal pubbliku li kellmu dak il-hin, aktar u aktar l-appellant ma kellux fejn jitfixkel dwar fejn suppost gara l-fatt li kien qed jigi akkuzat bih."*

Fl-ahharnett, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Balzan** – incidentalment l-imputat odjern – deciza fit-26 ta' Marzu 2015, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] qalet hekk:

*"Jidher illi dan l-argument digà tqajjem quddiem l-ewwel Qorti u dik korrettement ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza hemm ikkwotata fejn gibdet l-attenzjoni tal-appellant illi c-citazzjoni dejjem gie ritenut semplicement bhala "avviso da comparire" li fih ikun hemm id-dettalji tal-kaz imma mhux necessarjament ikun hemm kollox. L-importanti hu illi l-akkuzat ikun jifhem ghal xhiex inhu akkuzat u jigi ippreparat bid-difiza tieghu. Minbarra s-sentenza ikkwotata mill-ewwel Qorti din il-Qorti taghmel riferenza ukoll ghall-kawza "Il-Pulizija kontra Benny Zaffarese et" tat-13 ta' Jannar 1995 fejn jghidlek "L-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi li c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, izda ma jispecifikax dettalji li ghandhom jinghataw. Jekk xi dettalji thallew barra dan bl-ebda mod ma jgib in-nullità tac-citazzjoni. Anki jekk xi dettalji jkunu zbaljati, jekk il-persuna indikata effettivament tidher quddiem il-Qorti, wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni, u cioé li sservi ta' "avviso a comparire" tkun giet ezawrita." F'dan il-kaz fic-citazzjoni thalliet barra l-kelma "limited" wara l-isem tal-fabbrika TMT. B'daqshekk però fuq l-iskorta tas-sentenza fuq citata, ma jfissirx illi c-citazzjoni hija nulla. L-appellant effettivament deher quddiem il-Qorti assistit b'avukat tal-ghazla tieghu u ghamel id-difiza kif deherlu l-ahjar kellha tkun u l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza. Ghalhekk billi kien hemm nieqes dik il-kelma "limited" ma jfissirx illi l-appellant ghandu xi ragun jilmenta mid-decizjoni tal-ewwel Qorti."*

---

[8] *Per* Imhallef Michael Mallia.

L-istess jista' jinghad ghal kaz odjern. Huwa ovvju li anke mill-ewwel seduta, l-imputat, debitament assistit mill-avukat difensur tieghu, kien ben konsapevoli tal-imputazzjonijiet li kienu qeghdin jigu imputati lilu. In fatti, l-imputat ikkontesta l-imputazzjonijiet, u waqt l-ezami wiegeb li ma kienx hati. L-Ufficjali Prosekuturi xehdu fit-tul dwar l-investigazzjoni taghhom. Matul il-proceduri, d-difiza ghamlet il-kontro-ezami lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u l-imputat offra li jaghti d-deposizzjoni tieghu, li kienet wahda twila, li fiha ta l-verzjoni tieghu tal-fatti, fejn baqa' jinsisti li ghalkemm huwa kien wassal lil Falzon u Galea sar-residenza ta' Sammut biex igibu l-insulina, hu kien baqa' fil-karozza, u ma kellux x'jaqsam mas-serqa li ghamlu dawn it-tnejn. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali, id-difiza ghamlet ukoll sottomissjonijiet fuq il-mertu tal-imputazzjonijiet. Fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri, fejn il-gbir tal-provi ha iktar minn sena u nofs, ma giet sollevata mid-difiza l-kwistjoni li l-lok ta' fejn sehh l-allegat reat ma kienx indikat u/jew li l-imputat ma kienx jaf, jew li ma setghax ikun jaf, totalment jew parzjalment il-fatti li kienu qieghdin jigu imputati lilu, jew li b'xi mod id-dritt tieghu li jiddefendi ruhu kien qieghed jigi ippregudikat.

Ladarba d-dritt tal-imputat li jiddefendi ruhu ma gie bl-ebda mod pregudikat bin-nuqqas ta' precizazzjoni fic-citazzjoni, ic-citazzjoni ma tistghax titqiesu bhala invalida, u s-sottomissjonijiet tad-difiza fir-rigward qed jigu rigettati.

*It-Tieni Eccezzjoni Preliminari – Kunflitt bejn iz-zewg citazzjonijiet prezentati mill-Prosekuzzjoni*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza irrilevat illi l-prosekuzzjoni ressqet zewg citazzjonijiet kontra l-imputat. L-ewwel citazzjoni[9] fiha erba' (4) imputazzjonijiet filwaqt li t-tieni citazzjoni[10] fiha tlett (3) imputazzjonijiet. Mill-verbal tas-seduta tat-30 ta' Awwissu 2018 jirrizulta li l-Ispettur Roderick Agius qara u kkonferma l-imputazzjonijiet fir-rigward tat-tieni citazzjoni kontenenti tlett (3) imputazzjonijiet.[11]

M'hemmx dubbju li hawnhekk id-difiza ghandha ragun. L-imputazzjoni "extra" fl-ewwel citazzjoni hija dik ta' ksur ta' sentenza sospiza, liema imputazzjoni hija nieqsa fit-tieni

[9] A fol. 1-2 tal-process.
[10] A fol. 5 sa 6 tal-process.
[11] Ara fol. 5 tal-process.

citazzjoni. M'hemmx dubju li dan il-fatt jindika l-mod superficjali li bih giet redatta uipprezentata ic-citazzjoni mil-prosekuzzjoni.

Kif sewwa irrilevat id-difiza, din il-Qorti trid bil-fors tistrieh fuq it-tieni citazzjoni li fiha tlett (3) imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat ghax hija propju dik ic-citazzjoni li l-ufficjal prosekutur qara u halef bil-gurament fis-seduta tat-30 ta' Awwissu 2018, u konsegwentement se tiskarta l-ewwel citazzjoni.

Pero dan qed jinghad salv dak li jippreskrivi l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali. Billi l-imputazzjoni "nieqsa" titratta ksur ta' sentenza sospiza, l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali jobbliga lil Qorti biex timla l-lacuna jew ahjar in-nuqqas tal-prosekuzzjoni f'tali eventwalita.[12] Dan l-Artikolu jippreskrivi hekk:

*"(1) Jekk ... ... il-Qorti tal-Maġistrati jkun jidhrilha li wieħed ikun instab ħati ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija magħmul matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, u li ma ġiex trattat dwar dik is-sentenza sospiża, dik il-qorti għandha, jew ex officio jew wara rikors mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija Eżekuttiva, skont il-każ, toħroġ ċitazzjoni li biha tordna lill-ħati li jidher quddiemha f'data u f'ħin li jkunu speċifikati fiha, jew toħroġ mandat għall-arrest tiegħu."*

Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-meritu.

*<u>L-Ewwel Imputazzjoni – Komplicita fir-Reat ta' Serq</u>*

L-ewwel imputazzjoni hija li l-imputat irrenda ruhu komplici fir-reat ta' serq.

Jirrizulta ampjament mill-provi li meta l-imputat flimkien ma' Falzon u Galea marru jgibu l-insulina mir-residenza ta' Sammut, ittiehdu diversi oggetti – apparti l-insulina mid-dar ta' Sammut – li tabbew fil-vettura Jaguar li kienet misjuqa mill-imputat. Sussegwentement dawn l-oggetti instabu mill-Pulizija fuq is-sufan fil-garaxx ta' Baldacchino.

---

[12] Ara **Il-Pulizija vs Brian Sciberras** deciza fit-2 ta' April 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) (*Per* Imhallef Antonio Mizzi).

L-imputat jissottometti li ghalkemm kif qal fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija kif ukoll fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, kien hu li saq il-vettura Jaguar b'Falzon u Galea go fiha biex igibu l-insulina mir-residenza ta' Sammut, huwa jinsisti li ma kien bl-ebda mod involut fis-serqa li saret mir-residenza ta' Sammut, u ma kellux il-mens rea rikjesta sabiex huwa jigi misjub hati ta' komplicita fis-serq.

Pero mill-provi akkwiziti jirrizulta s-segwenti:

1. Sammut kellu bzonn l-insulina b'mod urgenti, u ma kienx f'kundizzjoni tajba, waqt li kien mizmum fil-garaxx. Minflok intalbet l-assistenza medika, Baldacchino baghat tlieta irgiel biex igibu l-insulina mir-residenza ta' Sammut, fosthom l-imputat sabiex isuq il-vettura Jaguar. Anke jekk ghal grazzja tal-argument, wiehed jaccetta, l-argument ta' Baldacchino li Sammut kien jafda lil Tristan Falzon (maghruf bhala "il-Foks") ghaliex kien ghamel zmien jghix mieghu, ma ntweriet l-ebda raguni valida ghaliex kellu imur Ivan Galea (maghruf bhala "is-Sistu") ukoll. Fil-fatt, fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li qabel telqu huwa insista ma' Falzon u Galea illi insulina biss kellhom jiehdu u xejn aktar.[13] Dan juri li l-imputat kien jaf li l-intenzjoni li jmorru fid-dar ta' Sammut ma kinietx semplicement biex igibu l-insulina, imma biex jisirqu. Dan nonostante, huwa accetta li jwassalhom bil-karozza.

2. Fil-fatt jirrizulta li Falzon u Galea ma hadux biss l-insulina mir-residenza ta' Sammut, imma bdew jghabbu affarijiet ohra fil-bagoll tal-Jaguar. Meta fl-interrogatorju gie mistoqsi, jekk insistiex maghhom biex ikun jaf x'kienu qed jghabbu fil-bagoll, l-imputat wiegeb *"Le ghax jien hekk maghmul".*[14] Effettivament, l-imputat ma kellux ghalfejn isaqsihom x'kienu qed jghabbu, ghax kien jaf li kienu qed jiehdu l-affarijiet mir-residenza ta' Sammut – dak li kien jaf li se jigri minn qabel telqu. L-inkarigu taghhom kien li jgibu biss l-insulina mir-residenza ta' Sammut u xejn izjed. Fil-fatt, fl-istqarrija l-imputat ammetta li meta nduna li Falzon u Galea kienu hadu xi affarijiet ohra apparti l-insulina *"missni qbadt u inzilt mill-karozza u tlaqt 'l hemm, imma ma ghamiltx hekk, wasalt il-garage, sakkart il-karozza u dhalt il-gewwa … …"*[15]

[13] Ara fol. 25 tal-process.
[14] Ara fol. 25 tal-process.
[15] Fol. 25-26 tal-process.

3. Baldacchino xehed li meta ra li l-imputat u t-tnejn l-ohra qed jittardjaw biex jirritornaw bl-insulina, huwa cempel lill-imputat biex jara fejn qieghdin, u l-imputat qallu li t-tnejn l-ohra kienu qed jghabbu xi affarijiet fil-karozza, u spjegalu l-affarijiet x'kienu, principalment frejmijiet li kienu qed igibu mid-dar ta' Pierre. Baldacchino qal lill-imputat li hu ma riedx dawn l-affarijiet go daru, u qal li sema' lill-imputat jghaddi dan il-messagg lit-tnejn l-ohra, u wara hames (5) minuti gew lura.[16] Din ix-xhieda ta' Baldacchino hija korroborata bix-xhieda tal-imputat, li wkoll jghid li kien Baldacchino li cempillu. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li ma kienx jaf x'ghabbew fil-bagoll, waqt li fix-xhieda tieghu, Baldacchino jghid li l-imputat spjegalu x'inhuma l-oggetti li t-tnejn l-ohra kienu hadu mir-residenza ta' Sammut. Kieku verament l-imputat ma ried ikollu x'jaqsam xejn fis-serqa, kien ikun l-imputat stess li jcempel lil Baldacchino biex jghidlu x'qed jigri, u mhux bil-maqlub. Wara kollox, il-vettura kienet ta' Baldacchino, u la kienu qed jitghabbew affarijiet misruqa fiha, kien fid-dover tal-imputat li jinforma b'dan lil Baldacchino, biex mhux biss jezimi ruhu mir-responsabbilita li jkun komplici fir-reat, izda wkoll sabiex Baldacchino jiehu l-passi necessarji sabiex ma jhallix il-vettura tieghu tintuza sabiex jigi kommess reat. Minn dan kollu l-imputat ma ghamel xejn.

4. Fix-xhieda tieghu l-imputat jghid li wara li poggew l-affarijiet misruqa fil-bagol tal-karozza, hu qal lil Falzon u lil Galea *"Inzlu mill-karozza, ha ninzel bil-mixi, ma rridx insuqha".*[17] Fl-istess nifs, jghid li ma riedx ihalli il-karozza wahedha, ghax beza' li jkissru xi hgiega biex jifthu il-bagoll tal-karozza. Jghid ukoll li Baldacchino qallu biex ma jhallix il-karozza hemm. Ghalkemm l-imputat jghid li kien se jitlaq bil-mixi u jhalli l-karozza hemm, qabel cempel Baldacchino, huwa jghid li kien preokkupat ghax Sammut kellu bzonn l-insulina urgenti, u jekk ma jehodilux, kien se jehel hu. Pero l-verita hi, li kieku l-imputat ried jehles minn dan l-inkwiet kollu, li skond hu sab ruhu fih involontarjament, u ma jkunx ko-partecipi fis-serqa, seta' facilment cempel lill-pulizija dak il-hin u talab l-assistenza taghhom. Pero, dan m'ghamlux, ghar-ragunijiet li jafhom hu. Minflok, huwa ghazel li jsuq il-vettura bl-affarijiet misruqa, u b'Falzon u Galea go fiha, lura l-garage ta' Baldacchino. B'dan il-mod huwa ghen u assista attivament lil Falzon u Galea iwettqu dan id-delitt.

[16] Fol. 337 tal-process.
[17] Fol. 373 tal-process.

5. Baldacchino xehed li ma jiftakarx li meta rritornaw lura l-garage, l-imputat qallu li l-affarijiet ma kienux nehhewhom mill-vettura u li ma riedx ikollu x'jaqsam maghhom.[18] Anzi xehed li hu minghalih li ma kienu ghabbew xejn fil-vettura.[19] Pero jammetti wkoll li hu ma staqsiehomx jekk nehhewx l-affarijiet li kienu ghabbew fil-vettura.[20] Din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li dan l-atteggament ta' Baldacchino huwa ferm stramb u dubbjuz, tenut kont tac-cirkostanzi.

6. Waqt il-kontro-ezami, l-imputat jghid li waqt li kien isuq lura lejn il-garaxx, Ivan Galea beda jheddu li jekk jitkellem jiksirlu saqajh.[21] Din l-allegazzjoni tal-imputat mhix verosimili. Fl-ewwel lok, l-imputat *ex admissis* kien diga qal lil Baldacchino li Galea u Falzon kienu serqu oggetti mir-residenza ta' Sammut u poggewhom fil-vettura, u f'dak is-sens l-imputat kien diga tkellem dwar is-serqa. Fit-tieni lok, l-imputat xehed li meta rritorna lura l-garaxx huwa qal lil Baldacchino li l-affarijiet kienu ghadhom fil-karozza u tah ic-cavetta. (Baldacchino jinnega dan il-fatt.) In oltre huwa qal lil Sammut, li *"mhux l-insulina biss harget mid-dar".*[22] Dan il-komportament tal-imputat certament mhux kompatibbli ma' dak ta' persuna li qed tigi mhedda.

7. Ghalkemm, ix-xhud okulari Jamel El Badawi ma ikkonfermax min kien qed isuq il-vettura, huwa xehed li ra l-vettura tieqaf quddiem ir-residenza ta' Sammut, u t-tlieta min-nies li kienu fil-karozza hargu u dahlu fir-residenza, u nizlu bil-vazuni u bl-inkwadri misruqin.[23]

Apparti x-xhud Jamel El Badawi, ir-rizultanzi l-ohra kollha joholqu element qawwi ta' prova indizzjarja (*circumstantial evidence)* li jippuntaw kollha f'direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat xjentement u voluntarjament kien tal-inqas komplici fis-serqa li saret mir-residenza ta' Sammut, u assista lill-awturi sabiex r-reat seta' jigi kommess, billi halla l-affarijiet misruqa jitghabbew fil-vettura misjuqa minnu – u dan anke kontra l-ordni espressa ta' sidha - u saq lill-awturi tar-reat u l-affarijiet misrqua lura lejn il-garaxx fejn kienu qieghdin joqghodu.

[18] Ara fol. 362 u 365.
[19] Ara fol. 363.
[20] Ara fol. 369.
[21] Ara fol. 380-380.
[22] Ara fol. 378.
[23] Ara fol. 174-187.

Jekk il-Qorti toqghod fuq ix-xhieda okulari ta' Jamel El Badawi jirrizulta li l-imputat kien addirittura ko-awtur fis-serqa. Pero, fil-kumpless tal-provi kollha, din il-Qorti se tati l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat, u se tikkonkludi li hu kien komplici fis-serqa, u mhux ko-awtur.

Konsegwentement, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni kontra tieghu ta' komplicita f'serq. Il-Qorti tosserva illi fic-citazzjoni serq mhux ikkwalifikat b'xi wahda mill-kwalifiki msemmija fl-Artikolu 261 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk ghandu jigi ikkunsidrat biss bhala serq semplici.

*It-Tieni Imputazzjoni – Ir-reat ta' Ricettazzjoni*

Din il-Qorti tifhem li din l-imputazzjoni inghatat bhala alternattiva f'kaz li din il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni.

Billi l-imputat instab hati tal-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.

*It-Tielet Imputazzjoni – Kommissjoni ta' Reat fil-Perjodu Operattiv ta' Sentenza Sospiza*

Kif inghad aktar il-fuq f'din is-sentenza, fic-citazzjoni mahlufa mill-Ufficjal Prosekutur din l-imputazzjoni m'hix inkluza, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghha bhala imputazzjoni.

Dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghas-setghat ta' din il-Qorti taht l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali.

*Ir-Raba' Imputazzjoni – Ir-Recidiva*

Il-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja tas-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Balzan** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[24] fis-26 ta' Marzu 2015.[25] F'din is-sentenza, l-imputat odjern instab hati ta' serq ikkwalifikat, u gie ikkundannat ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar habs u sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin.

Ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni debitament ippruvat li l-imputat hu recidiv fir-reat ta' serq.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Kif inghad, l-imputat instab hati ta' komplicita fir-reat ta' serq semplici, u li hu recidiv fir-reat ta' serq.

Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-fedina penali aggornata tal-imputat mhix wahda felici, u fiha xejn inqas minn seba' u ghoxrin (29) kundanna minn dawn il-Qrati, li hafna minnhom jikkoncernaw ligijiet li jirregolaw il-vetturi, it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u wahda minnhom il-ligi dwar it-Taxxa fuq id-Dhul, offizi ta' natura hafifa, u kundanna ta' serq aggravat.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, id-difiza tissottometti li ghalkemm il-fedina penali tieghu ma hijiex wahda incensurata, mill-banda l-ohra lanqas ma jidher li l-imputat huwa *"beyond redemption"*, u f'kaz ta' htija ma ghandux jinghata piena karcerarja effettiva, pero ghandu jinghata sentenza sabiex tghinu jirriforma ruhu.

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li raffrettarja kemm tkun raffrettarja l-fedina penali ta' imputat, l-ebda imputat ghamel x'ghamel ma ghandu jitqies *"beyond redemption"*, ghaliex din il-Qorti temmen li jekk verament ikollu r-rieda u l-buona volonta, kull persuna, indipendentement minn x'reati wettqet fil-passat, kapaci tirriforma ruhha u titbieghed mit-triq tal-kriminalita. Pero sabiex dan isir, l-imputat irid juri li verament ghandu r-rieda li jirriforma ruhu.

---

[24] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[25] A fol. 296 *et seq.*

Issa fil-kaz odjern, fil-bidu ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti kienet poggiet lill-imputat taht ordni provizorja ta' supervizjoni appuntu sabiex Ufficjal tal-Probation ikun jista' jaghtih l-ghajnuna u l-appogg necessarju. Sussegwentement huwa inghata il-liberta provvizorja fit-28 ta' Jannar 2019. Pero sfortunatament, inqas minn sitt (6) xhur wara, fis-17 ta' Lulju 2019, din il-Qorti kellha tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest, stante li l-imputat kiser il-kundizzjonjiet tieghu, fosthom dak li jibda u jkompli programm ta' riabilitazzjoni mal-Agenzija Caritas. In oltre, mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation ghal diversi drabi, l-imputat naqas li jikkopera mieghu u jattendi ghall-appuntamenti, u ghaldaqstant din il-Qorti irrevokat ukoll l-Ordni Temporanja ta' Supervizjoni.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat qatt ma accenna li kellu xi problema ta' tossiko dipendenza, u mill-provi ma irrizultax sal-grad tal-probabbli li huwa kellu jew ghandu tali problema. Fi kwalunkwe kaz, l-imgieba tieghu f'dawn il-proceduri, ma halliet l-ebda dubbju f'ghajnejn il-Qorti li hu ma kellu l-ebda intenzjoni jaccetta xi forma ta' ghajnuna, lanqas minn Ufficjal tal-Probation.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena idonea hija wahda karcerarja effettiva.

In vista tal-fatt li l-imputat huwa recidiv fir-reat ta' serq, u tenut kont tal-fedina penali tieghu, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289(1) tal-Kodici Kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. wara li rat l-Artikoli 42(c) u (d), 284, 285, 49, 50 u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni (komplicita ta' serq semplici) u tar-raba' imputazzjoni (recediva) – indikata bhala it-tielet imputazzjoni fic-citazzjoni a fol. 5 tal-process) – u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena ta' sena prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest

preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih huwa kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrieh.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrieh indikata fic-citazzjoni a fol. 1 tal-process.

4. Peress li jidher li r-reat li tieghu l-imputat instab hati f'dawn il-proceduri, gie kommess matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-26 ta' Marzu 2015, liema sentenza tinsab ezebita a fol. 296 *et. seq.* ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti qieghda *ex officio,* ai termini tal-Artikolu 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-ħati li jidher quddiemha fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2020 fin-12.30pm sabiex tiġi trattata il-kwistjoni dwar il-ksur ta' din is-sentenza sospiża.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**